2026/2570

16.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2570

tas-16 ta' Novembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra l-Ħamas u l-Ġihad Iżlamika tal-Palestina u dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu l-azzjonijiet vjolenti tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Jannar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 ([1]).

(2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-Ħamas u l-Ġihad Iżlamika tal-Palestina, jenħtieġ li persuna waħda u entità waħda jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385.

(3) Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar prevista fid-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 fejn id-dħul jew it-tranżitu jkun meħtieġ għat-twettiq ta' proċess ġudizzjarju jew biex persuna elenkata tiskonta piena li ċċaħħad il-libertà fi Stat Membru.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1(7) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn id-dħul jew it-tranżitu jkun neċessarju għat-twettiq ta' proċess ġudizzjarju jew biex persuna elenkata fl-Anness tiskonta piena li ċċaħħad il-libertà fi Stat Membru."

(2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/385 tad-19 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra l-Ħamas u l-Ġihad Iżlamika tal-Palestina u dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu l-azzjonijiet vjolenti tagħhom (ĠU L, 2024/385, 19.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/385/oj).

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura “A Persuni fiżiċi”, tiżdied l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
“23.	Mustafa Moin AYASH مصطفى معين عياش magħruf ukoll bħala Mustafa Moen AYYASH, Mustafa AIASH	Data tat-twelid: 18.9.1992 Post tat-twelid: Gaza Sess: raġel Dokument tal-Ivvjaġġar Awstrijak tar-Refuġjati: nru. K1518177 Passaport Palestinjan: nru. 6080310 Passaport Palestinjan: nru. 6214861	Mustafa Moin Ayash huwa l-fundatur tal-pjattaforma tal-aħbarijiet tal-media soċjali Gaza Now, li talbet donazzjonijiet għall-Ħamas, inkluż permezz tal-kriptovaluta. Għalhekk huwa jipparteċipa fil-finanzjament tal-Ħamas.	16.11.2026;”

(2) taħt l-intestatura “B Persuni ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi”, tiżdied l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
“4.	Gaza Now غزة الآن	Post prinċipali tan-negozju: Europe	Gaza Now hija pjattaforma tal-aħbarijiet tal-media soċjali mwaqqfa minn Mustafa Moin Ayash, li fuqha huma mitluba donazzjonijiet għall-Ħamas. Għalhekk hija tipparteċipa fil-finanzjament tal-Ħamas.	16.11.2026.”